MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 59/2009

Neil **CARTER** u martu Susan, għal kwalsijasi interess li jista' jkollha

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU**, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Ottubru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissrin, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti (i) ssib li l-paragrafi (b), (ċ) u (f) tal-partita erbgħa (4) tad-Disa' Skeda tal-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta) jiksrulhom il-jedd fundametali tagħhom taħt għal smigħ

xieraq kif imħares bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “l-Kostituzzjoni” u d-dritt tagħhom għat-tgawdija paċifika ta’ ħwejjiġhom kif imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; (ii) ssib li l-imsemmija paragrafi (b), (ċ) u (f) tal-partita erbgħa (4) tad-Disa’ Skeda tal-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta’ Malta) jiksrulhom il-jeddijiet fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa il-“Konvenzjoni”) billi joħolqilhom piż eċċessiv u sproporzjonat li jxekklilhom l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja u l-jedd tagħhom għat-tgawdija ta’ ħwejjiġhom mingħajr xkiel kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; (iii) tordna lill-intimat Kummissarju tat-Taxxa dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li jroddilhom lura fi żmien qasir il-ħlasijiet li huma kellhom jagħmlu meta ressqu l-appelli mill-istejjem magħmulin minnu; (iv) tiffissa kumpens xieraq bl-ispejjeż u (v) tagħti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ Novembru, 2009, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għad-19 ta’ Novembru, 2009;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-18 ta’ Novembru, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħu b’mod preliminari, billi qalu li l-intimat Onorevoli Prim Ministru m’għandux postu f’dawn il-proċeduri għaliex m’huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti u l-istess ħaġa fil-każ tal-Kummissarju intimat, minħabba li l-kawża tirrigwarda l-imġiba tal-Bord tal-Appelli tat-Taxxa u mhux tiegħu, u għalhekk iż-żewġ intimati msemmija jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża. Laqgħu wkoll fil-mertu, billi ċaħdu li r-rikorrenti ġarrbu xi ksur ta’ xi jedd fundamentali tagħhom kemm kif imħares taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni. Jgħidu li t-talbiet tar-rikorrenti huma fiergħa u vessatorji, billi l-preċentwali ta’ taxxa li ntalbu jħallsu m’hijiex ta’ xkiel biex xorta waħda jressqu l-appell għar-rimedju tagħhom biex jikkontestaw l-istima magħmula, billi l-istess perċentwali (ta’ ħamsa fil-mija) ma tistax titqies li hija

waħda sproporzjonata meta wieħed iqabbilha mal-preċentwali ta' taxxa li jkun għad fadlilha tinġabar jekk kemm-il darba l-appelli mressqa ma jintlaqgħux, u billi hija ħaġa mistennija li fi proċeduri jitħallas dritt raġonevoli biex jagħmel tajjeb għan-nefqiet amministrattivi tal-bord jew tribunal li jkun. Temmew jirreferu għas-sentenzi msemmija mir-rikorrenti u qalu li dawk ma jgħoddux għaċ-ċirkostanzi tal-każ tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Novembru, 2009, li biha tat lir-rikorrenti l-possibilita' li jressqu x-xhieda tagħhom b'affidavit;

Rat l-affidavit imressqa mir-rikorrenti;

Semgħet ix-xhud imressqin mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Mejju, 2010, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fl-10 ta' Mejju, 2010[1];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fit-30 ta' Ġunju, 2010[2];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2010, li bih il-kawża tħalliet għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni li biha r-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn ksur ta' jeddijiet fundamentali tagħhom b'riżultat tal-għażla tagħhom li jressqu appelli minn stimi mtellgħin mill-Kummissarju intimat dwar Taxxa dwar il-Valur Miżjud

---

[1] Paġġ. 34 – 6 tal-proċess
[2] Paġġ. 48 sa 60 tal-proċess

(aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kummissarju") li dan jgħid li r-rikorrent kien imissu jħallas għall-attivita' kummerċjali tiegħu bejn Mejju tal-2003 u Ottubru tal-2004. Huma jgħidu li biex ressqu l-imsemmija appelli, kellhom iħallsu ħamsa fil-mija (5%) tat-taxxa stmata mill-istess Kummissarju, minbarra tariffa ta' tmienja u ħamsin euro (€ 58) għal kull appell imressaq minnhom. Iqisu li dak il-ħlas jikser il-jedd tagħhom għal aċċess lil tribunal, u kif ukoll il-jedd tagħhom li jgawdu l-possedimenti tagħhom mingħajr xkiel. L-għawġ maħluq bl-imsemmi ksur jikber iżjed minħabba kundizzjoni medika mwiegħra li r-rikorrent jinsab fiha;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi ressqu eċċezzjonijiet preliminari dwar jekk din il-kawża messhiex saret ukoll kontra l-Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissarju. Fil-mertu, laqgħu billi warrbu l-argumenti tar-rikorrenti dwar l-allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali li jgħidu li ġarrbu;

Illi l-Qorti tibda biex tistħarreġ **l-eċċezzjoni preliminari** li l-Prim Ministru u l-Kummissarju m'humiex kontradittturi leġittimi tal-azzjoni tar-rikorrenti;

Illi l-intimati jsejsuha fuq dak li jrid l-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, partikolarment fis-sub-artikoli (1) u (2) tiegħu. Huma jgħidu li, għall-għamla ta' lmenti li ressqu r-rikorrenti f'din il-kawża tagħhom, ma kienx hemm għalfejn la jitħarrek il-Prim Ministru u lanqas il-Kummissarju. Huma jqisu li l-ġudizzju huwa sħiħ bil-preżenza waħedha tal-intimat Avukat Ġenerali. Huma jsemmu deċiżjonijiet partikolari li kienu stħarrġu eċċezzjoni bħal din, fil-qasam ta' lment dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali minħabba proċeduri fiskali;

Illi, min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni;

Illi l-Qorti tagħraf il-fatt li l-kwestjoni dwar min għandu jwieġeb għall-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tal-bniedem ilha żmien tkidd lil min ikun involut f'kawżi bħal

dawn. Biż-żmien, tfasslu regoli ta' prattika biex jingħaraf kontra min kawża bħal din imissha titressaq[3]. Il-ħsieb dejjem kien li eċċezzjoni bħal din m'għandhiex isservi biex jitwal il-proċess tas-smigħ tal-ilment fil-mertu, imma biex jiġi mistħarreġ min tassew jista' jagħti r-rimedju f'każ li jirriżulta li l-ilment tal-ksur tad-dritt fundamentali kien wieħed mistħoqq[4]. Mad-dħul fis-seħħ fil-bidliet estensivi li saru fil-Kodiċi tal-Proċedura fl-1995, u b'mod partikolari fl-artikolu dwar ir-rappreżentanza tal-Gvern fil-kawżi, jidher li tqies li l-problema tal-leġittimu kuntradittur kienet b'hekk twittiet darba għal dejjem. Dan l-iżjed minħabba li l-artikolu 181B ma kien jagħmel l-ebda distinzjoni dwar l-għamla ta' proċedura ġudizzjarja li għaliha kien jirreferi. Mhux hekk biss, imma l-imsemmi artikolu jagħmel parti minn Titolu tal-Kodiċi li d-dispożizzjonijiet tiegħu "jgħoddu għall-qrati kollha"[5]. Din il-Qorti kif presjeduta hija wkoll tal-fehma sħiħa li l-kwestjoni tar-rappreżentanza tal-Gvern f'kawżi ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali hija wkoll koperta bl-imsemmija d-dispożizzjonijiet;

Illi, madankollu, jidher li l-imsemmi artikolu baqa' dejjem ma ċċarax għal kollox il-kwestjoni tal-leġittimu kontradittur fejn l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali kien dirett lejn liġi jew strument ieħor li għandu s-saħħa ta' liġi. Il-Qrati ma jidhirx li stħarrġu dan il-punt espressament, għalkemm jidher li alludew għalih *obiter*[6];

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradittturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-

---

[3] Per eżempju, ara Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**)
[4] Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph M. Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[5] Art. 193 tal-Kap 12
[6] Ara, per eżempju, Kost. **12.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Theuma noe et vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXI.i.1**), u P.A. (Kost) TM **21.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Harry Vassallo noe vs Kummissarju Elettorali Prinċipali et***

għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[7]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi mix-xhieda mogħtija fil-każ[8], ħareġ ċar li għalkemm il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jista' jkun li jmexxi b'mod awtonomu u lil hin minn kull indħil fit-twettiq tas-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi, huwa daqstantieħor il-fatt li l-istrutturi kollha amministrativi tiegħu huma dipartimentali. B'mod partikolari, ħareġ mill-provi li, safejn għandu x'jaqsam mat-tressiq formali ta' appelli u l-ħlasijiet mitluba biex jitmexxew 'il quddiem, dan kollu jsir minn nies impjegati mad-Dipartiment tal-Kummissarju intimat. Issa jekk wieħed jara l-qofol ta' wieħed mill-ilmenti ewlenin tar-rikorrenti, u wħud mit-talbiet tagħhom, wieħed ma jistax ħlief jasal għall-fehma li (għallanqas formalment) l-Kummissarju intimat postu huwa f'din il-kawża. Għall-kuntrarju, għalkemm l-imsemmi intimat huwa suġġett għad-direttivi ministerjali li jistgħu jingħataw minn żmien għal ieħor, it-tħaddim ta' dawk id-direttivi – u b'mod partikolari, f'dan il-każ, il-ġbir tat-taxxa mhux kontestata, dak tal-perċentwali tat-taxxa li trid titħallas meta jitressaq appell minn stima tiegħu, u l-ħlas tad-dritt tat-tressiq tal-appell – isir minn jew b'nies taħt il-kontroll tal-imsemmi Kummissarju intimat;

Illi mhux l-istess ħaġa għandha tingħad għall-intimat Onorevoli Prim Ministru. Bla ma toqgħod ittawwal fuq dan il-punt, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ma wrewhiex b'xi mod tajjeb għaliex l-istess intimat għandu jkun parti f'din il-kawża biex iwieġeb għall-ilmenti tagħhom, jew

---

[7] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[8] Xhieda ta' Charles Vella 4.5.2010, f'paġġ. 44 – 6 tal-proċess

għaliex il-ġudizzju m'huwiex sħiħ biż-żewġ intimati l-oħrajn;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk, il-Qorti ssib li filwaqt li l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija tajba, sejra tilqagħha u tipprovdi dwar il-ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju tal-intimat Onorevoli Prim Ministru, it-tieni eċċezzjoni preliminari safejn tirreferi għall-Kummissarju intimat m'hijiex mistħoqqa u sejra twarrabha;

Illi l-Qorti sejra issa tqis **il-mertu tal-ilmenti** tar-rikorrenti, li jaqgħu taħt żewġt irjus kemm mil-lat kostituzzjonali u kif ukoll minn dak konvenzjonali;

Illi r-rikorrenti jimmiraw l-ilmenti tagħhom lejn dak li jipprovdu wħud mill-kundizzjonijiet imniżżla fil-liġi dwar it-tressiq ta' appelli taħt il-liġi ewlenija[9]. B'mod partikolari, huma jsemmu wħud mil-kundizzjonijiet preskritti fir-raba' klawsola tad-Disa' Skeda tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, li jipprovdu li:

"*(1) Appell kontra stima ma jkunx validu kemm-il darba:*

*...*

*(b) ma tkunx tħallset it-taxxa kollha li m'hemmx kwistjoni dwarha li kellha titħallas mill-appellant; u*

*(ċ) ma jkunx tħallas l-ammont ta' ħamsa fil-mija tat-taxxa li jkun hemm kwestjoni dwarha jew mitt euro (€ 100) skond liema jkun ogħla; u*

*...*

*(f) ma jkunx sar il-ħlas ta' dritt amministrattiv hekk kif jista' jiġi preskritt*". Ta' min jgħid li l-kundizzjonijiet imsemmija huma kumulativi u għalhekk in-nuqqas ta' tħaris ta' mqar waħda minnhom iġib ma jiswiex l-appell hekk imressaq;

[9] Kap 406

Illi, fi kliemhom, ir-rikorrenti jqisu li l-imsemmija kundizzjonijiet jiksrulhom il-jeddijiet fundamentali tagħhom għaliex joħolqu piż eċċessiv u sproporzjonat li jċaħħdu lir-rikorrent mill-proprjeta' tiegħu u minn aċċess għall-ġustizzja. B'mod partikolari, r-rikorrent ressaq provi biex juri li huwa jbati minn kundizzjoni medika serja li titlob saħansitra kura barra minn Malta[10] b'infiq qawwi, liema nfiq kompla jaggrava bl-obbligu tal-ħlas tal-imsemmija perċentwali tat-taxxa, sempliċement sabiex ikun jista' jressaq l-appelli tiegħu biex jikkontesta l-istejjem magħmulin kontrih mill-Kummissarju intimat;

Illi l-ewwel ilment tar-rikorrenti jirreferi għall-**jedd kontra ċ-ċaħda tat-tgawdija tal-proprjeta' u kontra t-teħid tagħha bla kumpens mistħoqq**. Ir-rikorrenti jqisu li b'dak li ġara, ġarrbu ksur kemm tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Fis-sewwa jrid jingħad li r-rikorrenti baqgħu ma semmewx b'mod ċar taħt liema parti mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija żewġ artikoli kienu qegħdin isejsu l-ilmenti tagħhom. Is-sottomissjonijiet tagħhom kienu, f'dan ir-rigward, ġeneriċi;

Illi l-Qorti sejra tqis l-ewwel l-ilment taħt l-artikolu relattiv tal-Kostituzzjoni. L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, fil-partijiet li jistgħu jkunu rilevanti għall-każ tal-lum, jipprovdi li:

"*(1) Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist – (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq; (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjeta' u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri*

[10] Xhieda ta' Hector Carter, Dok "RbA01", f'paġ. 20 tal-proċess

*f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta. ....*

*(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' – (a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet; ...*"

Illi r-rikorrenti ma fissrux kif jgħoddu għalihom l-imsemmija dispożizzjonijiet. Lanqas ma jfissru jekk l-ilment tagħhom huwiex limitat għall-ħlas li kellu jsir tal-ammont ta' taxxa li dwaru ma hemm l-ebda kwestjoni jew jekk jirriferix ukoll għall-ħlas tad-dritt li kien intalab meta tressqu r-rikorsi tal-appell quddiem il-Bord;

Illi min-naħa tagħhom, l-intimati jisħqu li dan l-ilment huwa għal kollox fieragħ għaliex, fl-ewwel lok, il-ħlas ta' taxxa li dwarha ma kien hemm l-ebda kwestjoni kien se' jsir xorta waħda; għaliex, wara kollox, dan kien każ ta' taxxa dwar Valur Miżjud, f'liema każ, il-flus miġbura mir-rikorrent fil-kors tan-negozju tiegħu, ma kinux ħwejġu, iżda imposta li nġabret f'isem il-Kummissarju intimat; u għaliex id-dritt imħallas mat-tressiq ta' kull proċedura huwa nefqa mħarsa b'liġi;

Illi l-provvedimenti tal-artiklu tal-Kostituzzjoni jidher li jitkellmu dwar it-**teħid** ta' pussess b'mod obbligatorju u mhux dwar xi għamla oħra ta' tnaqqis tal-istess pussess. Kif ingħad f'dan ir-rigward u bi tqabbil mal-ħarsien li jagħti l-artikolu relattiv taħt il-Konvenzjoni, dan ifisser li biex ikun hemm tneħħija jew privazzjoni tal-proprjeta' jeħtieġ jintwera li din tkun seħħet b'effett dirett ta' xi għamil tal-istat u li ma jkunx biżżejjed li jkun hemm indħil jew ċaħda tad-dritt tad-dgawdija paċifika tal-istess proprjeta' bħala rifless ta' għamil bħal dak[11];

Illi, minbarra dan, il-qafas ta' ċirkostanzi kollha li r-rikorrenti jsemmu fir-rikors promotur tagħhom jaqgħu fl-ambitu ta' proċeduri meħuda u mibdija taħt liġi li l-għan tagħha huwa sewwasew il-ġbir u l-ħlas ta' taxxa. F'każ

[11] Kost. **30.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff et vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.206**) u Kost. **30.11.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**)

bħal dan, u sakemm ma jintweriex li dak li ntalab jew ittieħed mingħand ir-rikorrenti ma kienx tassew imħares b'dispożizzjoni ta' liġi, jidħol fis-seħħ dak li jgħid l-artikolu 37(2)(a) tal-Kostituzzjoni u għalhekk f'każ bħal dan, wieħed ma jistax jitkellem aktar dwar ksur tal-artikolu 37(1);

Illi meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, bil-ftit provi li dehrilhom li kellhom iressqu r-rikorrenti, u qabblithom mal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma wrewx li tassew ġarrbu xi ksur ta' l-jedd tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis l-ilment tar-rikorrenti taħt l-artikolu relattiv tal-Konvenzjoni. Huma jistrieħu fuq l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni li jipprovdi li:

"*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

"*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*.";

Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha) u mhux biss il-ħarsien mit-teħid ta' pussess kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Huwa minħabba f'hekk li, kif qalet aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-applikabilita' tal-artikolu taħt il-Konvenzjoni huwa usa' minn dak taħt il-Kostituzzjoni;

Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid

li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[12] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[13]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

Illi għal dak li jolqot l-aspett tat-taxxa fil-qafas tal-Konvenzjoni inkiteb li "*An individual's right to enjoyment of his property is accordingly subject to the State's right to assess, levy and enforce contributions by way of tax under the second paragraph of Art. 1 of the First Protocol. The provision is to be interpreted in the light of the underlying principle in the first sentence of the first paragraph ... Measures taken to ensure the payment of taxes, or prevent defaulting are generally found compatible with the second paragraph. Consideration is given to whether the measure is of such a kind that it can*

---

[12] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)

[13] Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) , § 61

*reasonably be considered as necessary for the purpose and whether its application is grossly disproportionate*"[14];

Illi, minbarra dan, hemm il-fehma awtorevoli wkoll li "*the obligation to pay 'litigation costs' per se does not appear to involve any right under substantive provisions since they are 'contributions' within the meaning of the second paragraph of Art. 1 of Protocol No. 1 and escape detailed supervision. ... The requirement to pay fees or costs in advance in connection with civil claims is not per se incompatible with Art. 6, para 1. However, although there is no right to free proceedings or right to repayment of costs and fees, the high cost of proceedings could raise a problem with respect to right of access to court, if it can be shown to have a prohibitive effect depriving an applicant of the essence of the right having regard to the Ashingdane vs UK principles, i.e. whether the essence of the right is impaired and whether the restriction pursues a legitimate aim in a proportionate manner, having regard to the proceedings as a whole*"[15];

Illi hawnhekk ukoll, dwar l-ammont ta' taxxa li ntalbu jħallsu, l-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti wrewha b'mod tajjeb biżżejjed b'liema mod ġarrbu ksur tal-artikolu relattiv tal-Konvenzjoni, imfisser fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru. Tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, dak inhar li ressqu l-appelli tagħhom, ir-rikorrenti għamlu żewġ forom ta' ħlas: il-perċentwali tat-taxxa kontestata u d-dritt tal-preżentata. Skond il-liġi kienu meħtieġa li jagħmlu wkoll il-ħlas tat-taxxa li dwarha ma kienx hemm kontestazzjoni, iżda minkejja li bbażaw parti mill-azzjoni tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4(1)(b) tad-Disa' Skeda tal-Kap 406, ma ressqu l-ebda prova dwar dan u wisq anqas kemm kien l-ammont minnhom imħallas. Ressqu provi biss dwar il-perċentwali ta' taxxa kontestata;

Illi dwar it-taxxa li kellha titħallas, irid jingħad ma din kenitx ġid tar-rikorrenti, u kienet intalbet u determinabbli mill-mod

---

[14] Reid <u>*A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*</u> (3rd Edit, 2008), §§ IIB – 404, 407, f'paġġ. 566 – 8

[15] Reid *op. cit.* §§ IIA- 047, 051, f'paġġ. 104 – 5

kif ir-rikorrent innifsu mela d-denunzji li bihom iddikjara kemm kien wettaq attivita' taxxabbli. Wieħed ma jridx jinsa li ladarba t-taxxa kienet fuq il-Valur Miżjud, din tkun inġabret minnufih hekk kif ikun ingħata s-servizz. Lanqas jista' jingħad li t-talba tal-awtorita' għall-ħlas tat-taxxa hekk miġbura kienet b'xi mod indħil fit-tgawdija tal-possedimenti tar-rikorrenti. Min-naħa l-oħra, dwar dik il-perċentwali ta' taxxa kontestata li kellha titħallas ukoll, il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-ħlas tal-perċentwali ta' ħamsa fil-mija (5%) ta' taxxa kontestata flimkien mal-preżentata tal-appelli, huwa piż sproporzjonat marbut ma' l-għan leġittimu tal-istat li jiġbor kif jixraq it-taxxa dovuta minn min għandu jħallasha[16];

Illi f'xi ħin issemma'[17] li fiż-żmien li r-rikorrent ressaq l-appelli tiegħu, kien jintalab ħlas ta' dritt mal-preżentata bla ma kien għadu nħareġ avviż legali biex jistabilixxi kemm kien dak id-dritt. Jirriżulta tabilħaqq li kien biss f'Mejju tal-2010 li daħal fis-seħħ avviż legali[18] li stabilixxa kemm kien il-ħlas li jintalab biex wieħed iressaq appell quddiem il-Bord. Sa dak iż-żmien, kien hemm biss tariffa ta' preżentata ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell taħt l-artikolu 47 tal-Att[19]. Dan ifisser li meta r-rikorrent ressaq l-appelli tiegħu f'Ottubru tal-2009[20] u ntalab iħallas is-somma li spiċċa ħallas, ma kien hemm l-ebda liġi li tirregola ħlas bħal dak u għaldaqstant, f'dak ir-rigward, it-"teħid" tal-flus mingħand ir-rikorrent seħħ mingħajr l-eżistenza ta' "kundizzjonijiet provduti bil-liġi" kif irid l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ifisser ukoll li l-vot tal-paragrafu 4(1)(f) tad-Disa' Skeda tal-Att lanqas ma kien imwettaq jew preskritt b'liġi u għalhekk it-talba ta' ħlas għal "dritt amministrattiv" ma kenitx koperta b'liġi sa dak inhar;

Illi fid-dawl ta' din l-aħħar kostatazzjoni (iżda limitatament għal dan), il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti seħħilhom juru li ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom taħt l-

---

16 Ara Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.492**)
17 Xhieda ta' Charles Cassar 4.5.2010, f'paġ. 39 tal-proċess
18 A.L. 285/2010 (L.S. 406.15) li stabilixxa d-dritt tal-preżentata fis-somma ta' € 58 għal kull appell
19 A.L. 114/2001 (L.S. 406.07) li kien jistabilixxi dritt ta' € 34.94, li huwa anqas minn dak stabilit għal appelli quddiem il-Bord
20 Ara Dokti "NCC01" u "NCC02", f'paġġ. 6 – 7 tal-proċess

artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-ewwel talba tagħhom sejra tintlaqa' fir-rigward tal-ħlas tad-dritt amministrativ li ntalbu jħallsu meta ressqu l-appelli tagħhom;

Illi t-tieni ilment tar-rikorrenti jirreferi għall-**jedd għal smigħ xieraq**, fis-sens ta' aċċess għal qorti jew tribunal għall-ħarsien tal-jeddijiet tagħhom. Hawn ukoll, ir-rikorrenti jqisu li ġarrbu ksur ta' dan il-jedd tagħhom kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fl-aspett tagħhom ta' jedd ta' aċċess għall-ġustizzja. F'dan il-każ, minħabba li l-prinċipju ta' dak il-jedd kemm taħt l-artikolu relattiv fil-Kostituzzjoni u kif ukoll f'dak fil-Konvenzjoni huwa l-istess jew jixxiebah ħafna, l-Qorti sejra tittratta dan l-ilment tar-rikorrenti taħt l-aspett "kostituzzjonali" u dak "konvenzjonali" flimkien;

Illi dwar l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, id-dispożizzjoni rilevanti waħdanija (għall-każ tal-lum) hija dik fis-sub-artikolu 2 tiegħu li jgħid:

"*Kull qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*";

Illi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

"*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...*";

Illi għalkemm ma jissemmiex espressament bħala jedd fih innifsu, il-jedd għall-aċċess effettiv għall-ġustizzja huwa meqjus bħala element meħtieġ għall-ħarsien sħiħ tal-jedd għal smigħ xieraq, l-aktar minn limitazzjonijiet li l-istat jista' jaħseb li jagħmel u li jfixklu lil min ikun milli jkun jista' jitlob it-tħaris ta' jeddijietu, l-aktar jekk kemm-il darba tali

limitazzjonijiet ikunu formalistiċi jew li fuqhom il-persuna mġarrba ma jkollha l-ebda kontroll[21]. Kemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6(1) tal-konvenzjoni tfissru bħala dispożizzjonijiet li mhux biss jiggarantixxu dritt **ta'** smigħ xieraq fi proċediment mibdi dwar il-ħarsien ta' jedd jew obbligazzjoni ċivili, iżda wkoll dritt **għal** smigħ xieraq b'ħarsien ta' jedd jew obbligazzjoni bħal dawk. Dan il-jedd jinkludi fih l-fażijiet u l-aspetti kollha marbuta mal-proċess ġudizzjarju, magħduda dawk dwar l-ispejjeż li jidħlu fi proċedimenti biex jitħarsu dawk il-jeddijiet u dawk l-obbligi[22];

Illi huwa madankollu daqstant ieħor magħruf li l-jedd ta' aċċess għal qorti m'huwiex wieħed mingħajr limiti jew assolut. Minbarra każijiet fejn il-persuna nnifisha tagħżel minn rajha li tirrinunzja għal proċedura li setgħet tinqeda biha, huwa aċċettat li hemm limitazzjonijiet oħra li jistgħu jikkontrollaw aċċess għal qorti jew saħansitra jneħħuh, bħalma huma regoli dwar persuni li ma jistgħux ikunu f'ġudizzju jew fil-każ ta' żminijiet ta' preskrizzjoni jew termini stabiliti biex wieħed jadixxi qorti jew tribunal, jew fil-każ li l-liġi tkun tipprovdi għal proċeduri alternativi. Jidher li hemm limitazzjonijiet ukoll fejn jidħlu proċedimenti ta' dritt pubbliku. Dan jolqot il-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum. Kemm hu hekk, intweriet il-fehma li "*Art. 6 does not apply to proceedings relating to the assessment or imposition of tax, including the consequences of a change in tax legislation. In* ***Ferrazzini vs Italy***[23]*, the Court emphasised that tax matters still formed part of the hard core of public authority prerogatives. The fact that pecuniary interests of the tax payer might be at stake was not sufficient to remove tax from the public law sphere*"[24]. Sakemm il-Konvenzjoni tibqa' mfissra b'dan il-mod għal dak li jirrigwarda l-kunċett ta' dritt pubbliku u x'inhuma l-elementi li jiddistingwuh[25], wieħed jibqa' jsib limitazzjoni għat-

---

[21] Kost. **12.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Schembri vs L-Avukat Ġenerali***

[22] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit, 2006), § 10.4 , f'paġġ. 557 – 563

[23] Q.E.D.B. GC **12.7.2001** (Applik. Nru. 44759/98**)** §§ 29 li ma kenitx deċiżjoni unanimi, u ta' min jara l-fehma tal-imħallfin ta' minoranza fl-istess sentenza, l-aktar §§ 6 – 8 tagħha

[24] Reid *op cit* §IIB – 409, f'paġ. 569

[25] Ara Q.E.D.B. **9.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Schouten & Meldrum vs l-Olanda*** (Applik. Nru. 19005/91) §§ 52 – 5

tħaddim tal-jedd ta' aċċess għal qorti f'dawn l-oqsma ta' ħajja pubblika;

Illi dan ma jfissirx li kull ħaġa li ssir fi proċedimenti dwar ġbir jew ħlas ta' taxxa taqa' 'l barra mill-isfera ta' interess tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni. Kemm hu hekk, ingħarfu ċirkostanzi fejn it-tħaddim tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni għal dak li jirrigwarda l-jedd għal smigħ xieraq sar saħansitra meħtieġ, minkejja li l-proċediment kienu dwar stimi, ġbir jew inforzar tal-ġbir tat-taxxa jew imposta fiskali oħra mnedija mill-awtorita' pubblika u minkejja li mseddqa bis-saħħa ta' liġi fir-rigward. Jidher li din ukoll hija l-fehma tal-ogħla Qorti ta' kompetenza "konvenzjonali" f'Malta sa llum[26];

Illi f'din il-kawża tal-lum, il-biċċa l-kbira mis-sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet safejn jolqot il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti, daru ma' din il-kwestjoni. Min-naħa tar-rikorrenti, ngħatat enfasi għal deċiżjonijiet mogħtijin mill-Qrati tagħna dwar dan l-aspett. Filwaqt li l-intimati jgħidu li l-każijiet imsemmija mir-rikorrenti ma jgħoddux għaċ-ċirkostanzi jew fattispeċi partikolari tal-każ tar-rikorrenti;

Illi l-Qorti tqis li, ladarba l-liġi fis-seħħ tipprovdi proċedura biex wieħed li jirċievi stima mingħand il-Kummissarju intimat ikun jista' jikkontestaha quddiem tribunal, waħdeha toħroġ il-konsegwenza li t-tribunal hekk imwaqqaf inissel il-jedd ta' aċċess għalih. U ladarba jitnissel dak il-jedd, jidħlu fis-seħħ il-garanziji kollha maħsuba biex dak il-proċediment ikun wieħed li jagħti smigħ xieraq, sewwasew għaliex id-drit ta' aċċess huwa fih innifsu dritt privat[27]. Wieħed irid iqis, għalhekk, jekk kemm-il darba xi obbligi mistennija li jitħarsu biex u waqt li jitressaq l-att meħtieġ biex jinbeda l-proċess ta' kontestazzjoni humiex ta' xkiel għall-imsemmi jedd ta' aċċess. Ir-rikorrenti jgħidu li kemm il-perċentwali ta' taxxa kontestata li ntalbu jiddepożitaw u kif ukoll il-ħlas tat-tariffa dovuta ma' kull appell imressaq

---

[26] Kost. **29.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Clayton Communications Co Ltd vs L-Onor. Prim Ministru et***

[27] Kost. **6.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Pig Breeding Co Ltd vs Avukat Ġenerali et***

ifixklulhom dan il-jedd. L-intimati jwarrbu dawn l-ilmenti tar-rikorrenti;

Illi ladarba l-Qorti diġa' waslet għall-fehma li d-dritt amministrattiv mitlub mingħand ir-rikorrenti ma kienx kopert b'dispożizzjoni tal-liġi u għalhekk sar bi ksur ta' dispożizzjoni oħra tal-Konvenzjoni, ma tħossx li għandha għalfejn tqisu wkoll taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tagħha. Tgħid biss li, sakemm tariffa bħal dik ma tkunx waħda sproporzjonata jew inaċċessibbli għall-parti li tkun, ma jistax jingħad li din waħedha għandha titqies bħala limitazzjoni mhux ġustifikata li xxekkel jew ixxejjen il-jedd ta' aċċess għal qorti. Kull nefqa hija skomda, imma mhux kull skumdita' hija ċ-ċaħda ta' dritt;

Illi l-kwestjoni li l-aktar iħambqu fuqha r-rikorrenti kienet dwar il-ħtieġa li jiddepożitaw il-ħamsa fil-mija (5%) tat-taxxa li huma kienu qegħdin jappellaw kontriha. Jerġa' jingħad li, għalkemm parti mit-talbiet tar-rikorrenti jitkellmu dwar il-kundizzjoni tal-ħlas tat-taxxa kollha li dwarha ma jkunx hemm kwestjoni, ma ressqu l-ebda prova dwar dan u wisq anqas sottomissjonijiet fir-rigward;

Illi dwar il-perċentwali mitlub dwar it-taxxa kontestata, huma qabblu l-ilment tagħhom ma' dak li kien tressaq quddiem il-qrati żmien qabel f'każ ieħor[28]. L-intimati jirribattu dak l-argument għaliex jgħidu li l-każ tal-lum ma jistax jitqabbel mal-każ l-ieħor, minħabba l-fatt li t-taxxa li kien ikollha titħallas qabel kienet ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tat-taxxa kontestata, minbarra l-fatt li f'dan il-każ, ir-rikorrenti ħallsu fil-fatt il-perċentwali mitluba u b'hekk ma kellhom l-ebda ċaħda ta' aċċess għal qorti jew tribunal biex jingħataw ir-rimedju li kellhom;

Illi huwa minnu li r-rikorrenti ġabu bħala argument ewlieni l-infieq kbir li kellhom jagħmlu għall-kura li kien jeħtieġ ir-rikorrent minħabba l-istat imwiegħer ta' saħħtu. Madankollu, r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova oħra biex juru l-qagħda finanzjarja tagħhom. Din il-Qorti tqis ukoll l-argument tal-intimati meta jgħidu li s-somom kollha li r-

---

[28] Ara Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.492**)

rikorrenti ntalbu jħallsu biex iressqu ż-żewġ appelli tagħhom – madwar elf ħames mija u tmenin euro (€ 1,580) b'kollox – m'humiex xi ċifra li taqta' nifs dak li jkun. Minbarra dan, u għall-kuntrarju ta' fejn wieħed jitkellem dwar imgħax li jibqa' jakkumula aktar ma jgħaddi ż-żmien, huma somom fissi li saħansitra jintraddu lura (bl-imgħax)[29] jekk kemm-il darba l-appell jinstab li kien wieħed mistħoqq;

Illi l-Qorti tifhem li l-ħlas mir-rikorrenti tal-perċentwali mitlub ma ntweriex li sar għal għan mhux xieraq jew li huwa nieqes mill-proporzjonalita' bejn dak l-għan u l-mezzi mħaddma biex jintlaħaq[30]. Fuq kollox, lanqas ma jista' jingħad li l-perċentwali ta' taxxa kontestata miġbura mat-tressiq tal-appell hija xi talba finanzjarja li ma għandha l-ebda rabta mal-proċedura tal-istess appell – kemm hu hekk, dak il-perċentwali jirrappreżenta sewwasew parti mill-oġġett (ir-"*res litigationis*") tal-istess appelli[31];

Illi, madankollu, huwa minnu wkoll u din il-Qorti tagħraf li f'uħud mis-sentenzi msemmija mill-partijiet, tqies li r-rekwiżit tal-ħlas tal-preċentwali tat-taxxa kontestata taħt il-paragrafu 4(ċ) (***Frendo***) u l-ħlas kollu tat-taxxa li hemm qbil fuqha taħt il-paragrafu 4(b) (***Ċilia***) minnhom infushom jikkostitwixxu ksur tal-jedd ta' aċċess għal qorti minħabba li joħolqu pre-kondizzjoni għat-tressiq innifsu tal-att meħtieġ biex jinbeda l-appell mill-istejjem magħmula. Il-Qorti ħasbet sewwa fuq dan il-punt. Tqis li, f'dak li jirrigwarda l-ħlas tat-taxxa li mhix kontestata, il-Qrati jidher li adottaw il-kriterju "suġġettiv" taċ-ċirkostanzi tal-każ u qabblu l-qagħda li tinħoloq bi ħlas bħal dak mal-kundizzjoni finanzjarja ippruvata tal-persuna mitluba tħallasha u jekk dak il-ħlas huwiex xkiel effettiv jew disinċentiv biex jitressaq jew jitkompla l-appell. Fil-każ tal-ħlas tal-perċentwali tat-taxxa kontestata, l-fehma dehret li hija iżjed oġġettiva, billi tqies li dik id-dispożizzjoni "proposta f'dawn it-termini ... tidher li hi inikwa u anti-

---

[29] Art. 69(4) tal-Kap 406

[30] Q.E.D.B. **20.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Paykar Yev Haghtanak Ltd vs Armenja*** (Applik. Nru. 21638/03) §§ 44 – 5

[31] Q.E.D.B. **26.7.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Podbielski & PPU Polpure vs Polonja*** (Applik. Nru. 39199/98) § 65

ġuridika”. Kemm hu hekk, kemm fi ***Frendo*** u kif ukoll f’***Ċilia***, l-Qorti Kostituzzjonali sabet li l-imsemmija dispożizzjoni nnifisha kienet tikser il-jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ma jidhirx lanqas li dak is-sejbien kien marbut **biss** mal-fatt li dik id-dispożizzjoni kienet titlob il-ħlas ta’ ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tat-taxxa kontestata, iżda **wkoll** mal-fatt innifsu li dak il-ħlas kien mistenni bħala kundizzjoni nnifisha għas-siwi ta’ kull appell imressaq kontra stima mtella’ mill-Kummissarju intimat. Huwa dan li l-Qorti msemmija qieset b’qawwa bħala x-xkiel jew limitazzjoni vera tal-jedd ta’ aċċess għal qorti jew tribunal. L-intimati jissottomettu li llum il-ġurnata, u b’riħet l-imsemmija sentenzi, il-perċentwali ta’ taxxa kontestata li dwarha jrid isir il-ħlas tniżżlet għal ħamsa fil-mija (5%) u għalhekk jgħidu li m’għadx hemm lok ta’ ċaħda tal-jedd ta’ aċċess għall-Bord billi dik il-perċentwali hija baxxa;

Illi fil-każ li għandha quddiemha llum, il-Qorti hija tal-fehma li, għal dak li għandu x’jaqsam mal-ħlas tat-taxxa li dwarha ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni, r-rikorrenti ma wrewhiex li huma tassew ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal aċċess lil qorti kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni. Min-naħa l-oħra, mhux l-istess jista’ jingħad dwar il-perċentwali tat-taxxa kontestata li huma riedu wkoll iħallsu mat-tressiq tal-appelli. Il-Qorti hija tal-fehma li, minkejja li sar it-tnaqqis tal-preċentwali minn kif kienet qabel, xorta waħda jibqa’ l-fatt li s-siwi ta’ appell għadu jiddependi fuq ħlas ta’ parti mill-mertu tal-istess proċedura tal-appell u dan sa minn qabel ma jkun għad hemm deċiżjoni determinanti dwar jekk dak il-ħlas kienx tassew dovut. Meta jitqies f’dan id-dawl, dak il-ħlas jikkostitwixxi, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ksur tal-jedd ta’ aċċess għal qorti jew tribunal tar-rikorrenti;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti safejn dawn jirrigwardaw l-ilment dwar ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, u dan safejn kull waħda mit-talbiet tirrigwarda l-kundizzjoni preskritta fil-paragrafu 4(1)(ċ) tad-Disa’ Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati u ssib li l-intimat Onorevoli Prim Ministru m'huwiex il-kuntradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti, u għalhekk teħilsu milli jibqa' fil-kawża, bi spejjeż għar-rikorrenti;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-intimat u ssib li l-intimat Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud huwa kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet rikorrenti;

**Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti** safejn tirrigwarda l-ilment dwar teħid ta' proprjeta' taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

**Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti** safejn tirrigwarda l-ksur tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u dan limitatament għal dak li jirrigwarda d-dritt li huma ntalbu li jħallsu meta ressqu l-appelli tagħhom mill-istejjem magħmula mill-Kummissarju intimat, iżda tiċħadha fir-rigward tal-perċentwali tat-taxxa li ntalbu jħallsu dak inhar u flimkien mal-preżentata tal-appelli mill-imsemmija stejjem;

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti** u ssib li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal aċċess lil qorti jew tribunal imparzjali taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u dan għar-rigward tal-ħlas miltub u minnhom effettwat skond il-paragrafu 4(1)(ċ) tad-Disa' Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda mhux ukoll għall-ilment tagħhom għall-ħlas imwettaq skond il-paragrafu 4(1)(b) tal-istess Skeda;

**Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti** u tordna lill-Kummissarju intimat sabiex, fi żmien għoxrin (20) jum millum, irodd lura d-dritt amministrattiv mitlub u miġbur mingħand ir-rikorrenti u wkoll il-perċentwali ta' taxxa kontestata li huma ħallsu flimkien mal-appelli mertu tal-kawża;

**Tipprovdi dwar ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikorrenti** billi ssib li d-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ksur tal-jeddijiet tagħhom kif fuq imfisser u l-kundanna tar-radd lura tad-dritt amministrattiv u tal-perċentwali tat-taxxa mħallsa huma rimedju biżżejjed għall-finijiet ta' din il-proċedura; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża**, ħlief safejn jirrigwarda dawk marbuta mal-ewwel eċċezzjoni preliminari li għandhom jerfgħuhom ir-rikorrenti, jitħallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------